32006R1796

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1796/2006

tas-6 ta' Diċembru 2006

dwar il-ftuħ ta' kwota tariffarja applikabbli għas-sena 2007 għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Iżlanda li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-kummerċ applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli [1], b'mod partikulari, l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/492/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, fuq in-naħa l-oħra, dwar it-Tieni Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda [2], u, b'mod partikulari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Il-Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa, u r-Repubblika ta' l-Islanda, min-naħa l-oħra, dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, approvat bid-Deċiżjoni 1999/492/KE, jipprovdi għal kwota ta' tariffa annwali għal importazzjonijiet mill-Islanda ta' prodotti ta' kunfetterija biz-zokkor u ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' ikel li fih il-kawkaw. Meħtieġ li din il-kwota tinfetaħ għall-2007.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja [3], jistabbilixxi r-regoli għall-immaniġġjar tal-kwoti tariffarji. Huwa xieraq li jkun ipprovdut li l-kwota tariffarja miftuħa minn dan ir-Regolament tiġi mmaniġġjata skond dawn ir-regoli.

(3) Il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Immaniġġjar tal-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007, l-oġġetti li joriġinaw fl-Islanda u importati fil-Komunità li huma elenkati fl-Anness se jkunu sottomessi għad-dazji stabbiliti fl-Anness fil-limiti tal-kwota annwali indikata fih.

Artikolu 2

Il-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun immaniġġjata mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi-President

[1] ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

[2] ĠU L 192, 24.7.1999, p. 47.

[3] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).

ANNESS

Ordni Nru	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota	Rata applikabbli tad-dazju
09.0799	1704 90 10 1704 90 30 1704 90 51 1704 90 55 1704 90 61 1704 90 65 1704 90 71 1704 90 75 1704 90 81 1704 90 99	Ħelu magħmul miz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata bajda) li ma fihx kawkaw, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1704 90	500 tunnellata	50 % tar-rata tad-dazju għall-pajjiżi (*) terzi sa massimu ta' € 35,15/100 kg
	1806 32 10 1806 32 90 1806 90 11 1806 90 19 1806 90 31 1806 90 39 1806 90 50 1806 90 60 1806 90 70 1806 90 90	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' ikel li fihom kawkaw li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1806 32, 1806 90, 1905 31 u 1905 32.		
	1905 31 11 1905 31 19 1905 31 30 1905 31 91 1905 31 99 1905 32 11 1905 32 19 1905 32 91 1905 32 99	Gallettini ħelwin, *waffles* u wejfers		

(*) Rata ta' dazju għall-pajjiżi terzi: ir-rata li tikkonsisti fid-dazju *ad valorem* flimkien, fejn adatt, mal-komponent agrikolu, limitat għar-rata massima fejn ipprovduta fit-Tariffa Doganali Komuni.